MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 838/2009

**P J Sutters (Marketing) Limited – C35984**
**vs**
**Marc Aquilina (ID105069M) u Carisma Limited – (C37961)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tlett elef, erba’ mija, sitta u tmenin ewro u disa’ u tmenin ewro centezmu (€3,486.89) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija li giet ordnata minn u konsenjata lill-konvenuti, jew min minnhom.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment u ta’ l-ittra bonarja datata 3 ta’ Settembru, 2009 u bl-imghax kummercjali mill-11 ta’ Mejju, 2009 li hija d-data ta’ l-ahhar

konsenja kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut Marc Aquilina u s-socjeta' konvenuta baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u l-anqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li fis-seduta tat- 23 ta' Novembru, 2009 gie prezentat kapitolu mill-Avukat Karen Farrugia u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut u s-socjeta' konvenuta naqsu li jikkontestaw il-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------